# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 19**

**Rik. Nru. 576/13 JRM**

**CAXTON PRINT SHOP LIMITED (C – 17080)**

vs

**INTERNATIONAL MEATS LIMITED (C – 41033)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Ġunju, 2013, li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha l-ammont ta' €15,725.17, kif ukoll l-ammont ta' €2830.53 bħala rata ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, marbut ma' xogħol ta' stampar u xiri ta' materjal meħtieġ biex seta' jsir l-istampar fuq talba tal-kumpannija mħarrka; u (ii) tikkundannaha wkoll tħallasha l-imgħax bir-rata tat-8% fuq l-istess ammont b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2012, sal-jum

tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll il-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-ħruġ tal-Mandati ta' Sekwestru bin-numru 647/2013;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-31 ta' Lulju, 2013, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi (i) talbet li l-kumpannija attriċi tressaq il-prova li l-kreditu pretiż minnha huwa marbut mal-għoti ta' servizz, xogħol u prodotti li hija rendiet u kkonsenjat lill-kumpannija mħarrka; (ii) tistqarr li m'għandha tagħti xejn lill-kumpannija attriċi billi ġarrbet dannu u telf ta' qligħ bi ħtija tal-istess kumpannija attriċi li qed jiġi kontestat fi proċeduri oħra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta[2]; (iii) tistqarr li t-talbiet huma eċċessivi; u (iv) titlob li l-kumpannija mħarrka m'għandhiex tbati spejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Settembru, 2013[3], li bih ċaħdet it-talba tal-kumpannija mħarrka biex iġġib quddiemha l-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi biex tinstema' minnha;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2015[5], li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-23 ta' Diċembru, 2015[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-8 ta' Jannar, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ 10 tal-proċess
[2] Rik. Nru. 588/13AE maqtugħa fil-25 ta' Jannar, 2016, u mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021
[3] Paġ. 24 tal-proċess
[4] Paġ. 67 tal-proċess
[5] Paġ. 268 tal-proċess
[6] Paġġ. 269 sa 273 tal-proċess
[7] Paġġ. 302 – 7 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas għal servizzi mogħtija u xiri ta' materjal. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Caxton") qiegħda tfittex lill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "IML") biex tħallasha għal servizz ta' stampar pubbliċitarju mogħti minnha lil IML fuq medda ta' żmien flimkien ma' spejjeż għax-xiri ta' materjal biex seta' jsir l-istampar, kif ukoll il-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Hija tgħid li l-kumpannija mħarrka ma ħallsithiex l-ammont kollu miftiehem;

Illi, min-naħa tagħha, IML tiċħad li għandha tagħti lil Caxton, u tixliha b'danni u ħsara minħabba nuqqas ta' twettiq fis-servizz li qabbditha twettaq. Tgħid ukoll illi t-talbiet attriċi huma eċċessivi u li Caxton għandha tressaq il-prova tal-kreditu pretiż minnha kif marbut mas-servizz, xogħol u prodotti li hija suppost tatha;

Illi bħala <u>fatti relevanti illi joħorġu minn din il-kawża</u> jirriżulta illi Caxton taħdem fil-qasam tal-istampar, filwaqt illi IML kienet tmexxi negozju tal-bejgħ tal-laħam minn stabbiliment f'Birkirkara. Bejn l-2007 u l-2012[8], IML kienet tordna xogħol ta' stampar ta' materjal pubbliċitarju u kif ukoll *packaging* għall-prodotti tagħha[9];

Illi jidher li l-prattika mħaddma bejn il-partijiet kienet li meta Caxton kienet toħroġ stima, qabel ma IML kienet tibgħat il-konferma tagħha, ma kienx isir ix-xogħol mitlub. Filwaqt illi f'dak li kellu x'jaqsam max-xogħol ta' stampar Caxton kienet tagħmlu hi, għax-xogħol tat-tfassil tad-disinn kienet tqabbad lil terzi u x-xogħol isir minnhom[10]. IML kienet tħallas b'*post-dated cheques*, li dejjem issarfu[11], u ma' kull ħlas imwettaq, Caxton kienet tibghat *e-mail* li juri l-bilanċ il-ġdid dovut lilha wara li jkun tnaqqas l-aħħar ħlas[12];

Illi Caxton tgħid illi, wara xi żmien, il-ħlas ma kienx ikun regolari tant illi l-bilanċ dovut lilha tela' għas-somma mitluba fl-ewwel talba;

Illi fit-13 ta' Diċembru, 2012[13], Caxton bagħtet titlob lil IML b'*e-mail* għall-ħlas;

---

[8] Dokti. "RS6" sa "RS8" f'paġġ. 185 sa 211 tal-proċess
[9] Bħala kampjun tax-xogħol mwettaq mill-kumpannija attriċi lill-kumpannija mħarrka, ara Dokti. "RS" sa "RS2" f'paġġ. 69 – 71 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Richard Schembri f'paġ. 216 tal-proċess
[11] *Ibid* paġ. 123 tal-proċess
[12] *Ibid* paġ. 127 tal-proċess
[13] Dok. "RS3" f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess

Illi fis-26 ta' April, 2013[14], Caxton talbet u kisbet il-ħruġ kontra IML ta' Mandat ta' Sekwestru li jġib in-numru 637/2013 għall-ammont ta' €17,805 biex tikkawtela d-drittijiet tagħha;

Illi min-naħa tagħha, fit-30 ta' April, 2013, IML[15] talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontra Caxton li jġib in-numru 647/2013 sabiex hija wkoll tikkawtela d-drittijiet tagħha, għas-somma ta' €85,000. Hija xliet lil Caxton b'telf ta' qligħ u ta' negozju, u li għaldaqstant kellha twieġeb għad-danni mġarrba minnha. Aktar 'il quddiem, IML niżżlet is-somma ta' €85,000 għal €55,451.81[16]. IML fetħet kawża għad-danni kontra Caxton[17];

Illi l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ġġedded għadd ta' drabi minn IML bit-tama li jintlaħaq ftehim[18];

Illi, billi ma ntlaħaq ebda ftehim, fit-13 ta' Ġunju, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi jidher li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>, jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni ta' x'baqa' jitħallas minn IML għas-servizz li tatha Caxton, aktar u aktar li l-kwestjoni dwar id-danni reklamati minn IML issa ngħalqet. IML fl-ebda waqt ma tiċħad illi hija talbet lil Caxton tagħtiha x-xogħol ta' stampar, iżda tikkontesta bil-qawwa l-ammont mitlub. Dan tagħmlu għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, billi titlob il-fatturi li juru l-ammont dovut minnha; it-tieni, billi tgħid illi ġaladarba ġarrbet dannu minn telf ta' qligħ u ta' negozju minħabba n-nuqqasijiet ta' Caxton, hija m'għandha tagħtiha xejn;

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[19]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-

[14] Dok. "A" f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess
[15] Dok. "B" f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess
[16] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi f'paġ. 270 tal-proċess
[17] Rik. Ġuramentat Nru. 588/13 fl-ismijiet International Meats Limited vs. Caxton Printship Limited, deċiża 28.1.2016
[18] Xhieda ta' Richard Schembri f'paġ. 139 tal-proċess
[19] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

pretensjonijiet tagħha.[20] Huwa minħabba f'hekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[21] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[22];

Illi huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[23] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[24] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[25];

Illi bħala provi li jsostnu t-talbiet tagħha, Caxton tressaq dokumenti li juru ordnijiet maħruġa u konfermati minn IML għall-fatturi maħruġa minnha. Jirriżulta wkoll illi l-ordnijiet żdiedu minn xahar għal ieħor[26], bl-aħħar talba li Caxton ressqet għall-ħlas lil IML tkun dik imsemmija fl-ewwel talba attriċi[27];

Illi min-naħa l-oħra, fuq talba ta' IML, Caxton ressqet dokument, li ssejjaħlu *transaction history,* tan-negozju li għadda bejnha u IML. Dan id-dokument, li jitfa' dawl tajjeb u ta' min joqgħod fuqu fuq kif ġraw l-affarijiet bejn il-partijiet, juri li n-negozju waqaf fit-28 ta' Awwissu, 2012 u minnu joħroġ illi, bejn ix-xogħol imwettaq minn Caxton u dak imħallas minn IML, kien baqa bilanċ favur il-kumpannija attriċi ta' €1,671.26c[28]. Fuq kollox, it-tagħrif li jidher fl-imsemmi dokument inħalef meta tressaq quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. IML ma ressqet l-ebda prova li tikkontesta jew ixxellef xi parti minnu;

Illi jirriżulta illi dawn l-aħħar ordnijiet ma jidhrux fit-*transaction history* ta' IML. Lanqas ma jirriżultaw il-ħlasijiet illi saru minn IML bejn Settembru u Ottubru tal-2012[29];

Illi, min-naħa ta' IML, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha tgħid illi Caxton naqset li turi li tabilħaqq ikkonsenjat ix-xogħol li tiegħu qiegħda tippretendi l-ħlas għaliex ma ressqitx il-prova tad-*delivery notes* kif wieħed jistenna li jsir f'negozju bejn żewġ partijiet. Għalkemm dan huwa minnu, il-

[20] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[21] Art. 562 tal-Kap 12
[22] Art. 559 tal-Kap 12
[23] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[24] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Catering Co Ltd***
[25] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ġiantar vs David Curmi noe*** (konfermata fl-Appell 19.6.2006)
[26] Dok. "FS3" f'paġġ. 73 sa 99 tal-proċess
[27] *Ibid* paġ. 81 tal-proċess
[28] Dok. "RS7" f'paġġ. 189 – 190 tal-proċess: it-total tal-kreditu (€41,772.97c) imnaqqas mit-total tad-debitu (€43,444.23c)
[29] *Ibid*

Qorti tasal biex tilqa' l-ispjegazzjoni mogħtija minn Caxton illi n-nuqqas tad-*delivery notes* kienet dovuta għar-relazzjoni ta' fiduċja u ħbiberija illi jidher illi kien hemm bejn il-partijiet għal medda ta' żmien, u li l-Qorti tosserva illi ma ġietx kontestata minn IML fix-xhieda mogħtija mix-xhud ewlieni tagħha Giuseppe Trapani li, għall-kuntrarju, tenniha fi kliemu stess[30];

Illi IML targumenta wkoll illi Caxton naqset illi żżomm u tressaq il-kotba tal-kummerċ kif kienet obbligata li tagħmel bil-liġi, u li dan in-nuqqas jimmilita kontra tagħha. Mill-fatti ta' dan il-każ jirriżulta illi Caxton żammet rendikont xieraq u dettaljat biżżejjed, u t-tagħrif joħroġ kemm mit-*transaction history* kif ukoll mill-korrispondenza elettronika illi għaddiet bejn il-partijiet. Minn dawn id-dokumenti joħroġ li ż-żewġ partijiet kienu jafu l-qagħda fi żmien reali u bla ħabi ta' xiħaġa minn parti bi ħsara għall-oħra. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rendikont jirriżulta minn aktar minn għajn waħda, u jissodisfa l-grad ta' prova mistenni f'azzjoni bħal din;

Illi meta l-Qorti tqis il-provi kollha miġjuba quddiemha, u l-argumenti tal-partijiet, tasal għall-fehma illi Caxton seħħilha tressaq provi tajbin biżżejjed illi juru li l-ammont minnha mitlub huwa tassew dovut, u għaldaqstant sejra tilqa' it-talbiet tagħha. Huwa minnu illi t-*transaction history* ma twassalx sal-aħħar xogħlijiet fatturati, imma xorta jirriżulta ċar mill-*e-mails* illi kien hemm negozju ieħor bejn il-partijiet fuq l-arranġamenti li kellhom sa minn żmien qabel, u li ta' dan in-negozju Caxton kienet għadha ma tħallsetx. Min-naħa tagħha, IML naqset issejjes l-eċċezzjoni tagħha fejn tgħid li l-ammont mitlub huwa eżaġerat jew eċċessiv. Fl-ewwel lok, minkejja li Caxton kienet ilha titlob il-ħlas tiegħu, ma ħareġ minn imkien li IML qatt ilmentat mir-rati mitluba jew mill-ammont innifsu (kulma stenniet kien li tingħata aktar żmien biex tħallas). Fit-tieni lok, kien biss wara li nfetħet din il-kawża li IML semmiet għall-ewwel darba li s-somma mitluba kienet eżaġerata. Fit-tielet lok, ladarba ressqet din l-għamla ta' eċċezzjoni, kien jaqa' fuqha li turi kif u b'liema mod dak li qiegħda titlobha Caxton huwa eżaġerat. Minn qari b'reqqa tal-provi fl-atti tal-kawża, din il-Qorti ma seħħilha ssib l-ebda prova tajba mressqa minn IML li ssostni dik il-parti tal-eċċezzjoni tagħha;

Illi għar-rigward tal-argument marbut mat-tpaċija ta' flejjes li IML tgħid li jmissha tirċievi mingħand Caxton b'kumpens għan-nuqqasijiet tagħha fit-twettiq tas-servizz il-Qorti mhux ser tqis dan l-argument ġaladarba din il-Qorti diversament presjeduta sabet li l-kumpannija mħarrka naqset li tipprova x-xilja tagħha fil-konfront ta' Caxton, u dik il-kwestjoni llum tikkostitwixxi ġudikat. Dan jingħad minbarra l-fatt li meta l-parti mħarrka teċċepixxi t-tpaċija bħala difiża kontra t-talba attriċi għall-ħlas, dan impliċitament ikun ifisser

[30] Xhieda ta' Giuseppe Trapani f'paġġ. 251 – 2 u 256 – 7 tal-proċess

stqarrija tal-ammont mitlub. It-tpaċija, meta sseħħ, timplika l-eżistenza ta' djun fattwali[31];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tmintax-il elf ħames mija u ħamsa u ħamsin euro u sebgħin ċenteżmi (€18,555.70) rappreżentanti għar-rigward tas-somma ta' €15,725.17 fil-prezz ta' servizzi mogħtijin lill-istess kumpannijia mħarrka fuq talba tagħha u kwantu għal €2830.53 fir-rata ta' Taxxa għall-Valur Miżjud dwar l-istess servizzi;

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas imgħax bit-8% fuq is-somma fuq imsemmija b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2012 sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** illi l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

[31] Artt. 1196(1) u 1197(1) tal-Kap 16